# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 11 ta' April, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Katya Vassallo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Katya Vassallo, u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 498389 (M).

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-10 ta' April, 2017 ghal habta tas-sebgha u kwart ta' filghaxija (07:15pm) u f'hinijiet wara f'San Giljan u/jew fil-vicinanzi:-

1. Ingurjat, heddiet jew ghamlet offiza fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qieghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz (Art. 95 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)
2. Akkuzata wkoll talli fl-istess data, post, hin u cirkostanzi ma' obdietx l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta min ikun inkarigat minn

servizz pubbliku, jew ma' halliehomx jew fixkilhom waqt li jkunu ghamlu d-drittijiet taghhom (art. 338 (ee) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Akkuzata aktar talli fl-istess data, post, hin u cirkukstanzi hebbet kontra l-genituri taghha Raymond Vassallo u Grace Allison Vassallo u ohra Moira Vassallo sabiex tingurjahom, idejjaqhom jew taghmlilhom hsara. Art. 339 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Akkuzati aktar talli fl-istess data, postijiet, hinijiet u cirkustanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghal pubbliku kienet tinsab fis-sakra b'mod li ma' kinietx kapaci tiehu hsieb taghha innifisha. Art 338 (ff) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata min-naha u min-naha l-ohra l-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta ta'l-imputata u l-bzonn li ghandha li tircievi ghajnuna kontra l-vizzju tax-xorb.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 338(ee)(ff) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u **tikkundannah multa ta' tmien mitt Euro (€800)** li ghandha tithallas f'pagamenti mensieli ta' erbghin Euro b'l-ewwel pagament dovut f'l-1 ta' Gunju 2017, in oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' **Malta tpoggiha taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sentejn jew jekk ma toqghodx ghall-ordnijiet lilha mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju tal-Probation

Il-Qorti qed tissollecieta lill-Agenzija Sedqa biex fil-limiti tal-possibli jghatu ghajnuna lill-imputata b'urgenza.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**